MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 556/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Kevin Chircop**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Kevin Chircop ta’ 17-il sena, bin Domenic u Maria nee’ Camilleri, imwieled fis-26/03/1992 u residenti Blk 2, Flt 6, Triq il-Fosos, Floriana u detentur tal-karta tal-identita’ numru 194292(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar l-10 ta’ Dicembru 2009 ghal habta tal-1130hrs gewwa Floriana, volontarjament ta in-nar lil qatgha mhawla b’sigar, munzelli jew prodott iehor utli, jew materjal iehor, ikun li jkun, sew jekk maqlugha jew mahsuda kemm jekk kienu ghadhom imqabbdin ma’ l-art,

izda li ma kienux qeghdin b'mod li jistghu jqabbdu n-nar lil bini, gharix, jew lok iehor, fejn fil-waqt kien hemm gewwa xi persuna u dan bi ksur ta' Artikolu 310 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta' Gunju 2010 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Lulju 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu kif minnu ammessa.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li ghandu fedina penali netta, l-fatt li l-imputat kien minorenni fid-data li kkommetta r-reat, kif ukoll il-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 319 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u

b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tnax(12)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------